# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023

**Kawża Nru. 4**

**Rik. Nru. 127/2022 ISB**

**Genesis Global Ltd (C 65325)**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tas-soċjeta' **Genesis Global Ltd,** intavolat fis-16 ta' Diċembru 2022, li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:

*(i) Tordna illi s-soċjetà rikorrenti Genesis Global Ltd (C 65325) tiġi xjolta u konsegwentement stralċjata minn din l-Onorabbli Qorti abbażi tal-Artikolu 214(1)(a) tal-Att;*

*(ii) Taħtar likwidatur sabiex jieħdu f'idejh l-istralċ tas-soċjetà rikorrenti skont il-liġi; u*

*(iii) Tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

U dan wara li ppermettiet:

1. *Illi dan ir-rikors qed jiġi ppreżentat ai termini ta' Artikolu 218(1)(c) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-"**Att**") permezz ta' liema qiegħed jintalab ix-xoljiment u l-istralċ konsegwenzali bil-qorti tas-soċjetà rikorrenti skont Artikolu 214(1)(a) tal-Att, wara riżoluzzjoni straordinarja tal-istess soċjetà annessa hawn taħt u mmarkata bħala **Dokument GGL 1**;*
2. *Illi is-soċjetà rikorrenti hija soċjetà b'responsabbiltà limitata, li ġiet imwaqqfa f'Malta fis-26 ta' Mejju 2014;*
3. *Illi kif huwa evidenti mit-Trade Payables u l-Assets u Liabilities tas-soċjetà rikorrenti (annessi hawn taħt u mmarkati bħala **Dokument GGL 2** u **GGL 3** rispettivament), is-soċjetà rikorrenti għandha diversi kredituri u bħalissa l-passiv jeċċedi l-attiv tal-kumpannija;*
4. *Illi għalhekk l-uniku direttur u l-azzjonisti tas-soċjetà rikorrenti iffirmaw u għaddew ir-riżoluzzjonijiet msemmija hawn fuq sabiex is-soċjetà rikorrenti tippreżenta dan ir-rikors u titlob ix-xoljiment u konsegwenzali stralċ tagħha minn din l-Onorabbli Qorti.*

Rat id-**dokumenti** li kienu ppreżentati mar-rikors (Dok GGL1 sa Dok GHL3) (fol 2 sa fol 12).

Rat id-**digriet** tagħha tat-2 ta' Jannar 2023 minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-22 ta' Frar 2023 fil-11:15 a.m.

Rat in-Nota tal-Avukat Micahel Psaila bħala mandatarju speċjali ta' **Genesis Fiduciary Pty Ltd**, soċjeta' estera inkorporata taħt il-Liġijiet tal-Awtralja, b'dokument anness, intavolata fid-9 ta' Jannar 2023 (fol 14 sa fol 23) li permezz tagħha li permezz tagħha iddikjarat l-interess tagħha li tipparteċipa fl-istralċ tas-soċjeta' rikorrenti stante li hi kreditriċi tal-istess ai termini tal-artikolu 218(6) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Jannar 2023 li permezz tieghu l-Avukat Michael Psaila noe. nghata l-jedd illi jressaq sottomissjonijiet fil-kors ta' dawn il-proceduri a tenur tal-Artikolu 218(6) tal-KAP 386.

Rat ir-Rikors b'urġenza tal- Avukat Micahel Psaila bħala mandatarju speċjali ta' **Genesis Fiduciary Pty Ltd**, soċjeta' estera inkorporata taħt il-Liġijiet tal-Awtralja, intavolat fl-20 ta' Jannar 2023 (fol 28 et seq), li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti:

1. *Tordna l-ħatra ta' Amministratur Provviżorju b'applikazzjoni tal-artikolu 228 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jaqdi dawk il-*

*funzjonijiet u setgħet in konnessjoni ma' l-amministrazzjoni tas-soċjeta' rikorrenti Genesis Holdings Ltd (C 65314) li tagħha qed jintalab l-istralċ skond kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li għandha tispeċifika fl-ordni tagħha skond iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern;*

2. *Tiżvesti b'effett immedjat lid-direttur tas-soċjeta' rikorrenti Genesis Global Ltd (C 65325) li tagħha qed jintalab l-istralċ mill-funzjonijiet u mis-setgħat kolla tiegħu;*
3. *Tagħti lill-amministratur provviżorju l-funzjonijiet u s-setgħat kollha li għandhom id-diretturi tas-soċjeta' rikorrenti Genesis Global Ltd (C 65325) li tagħha qed jintalab l-istralċ, kemm dawk li joħorġu mill-memorandum u mill-articles of association tagħha, u kif ukoll mil-liġi, inkluż ir-rappreżentanza ġudizzjarja u legali tagħha;*
4. *Tordna lid-direttur tas-soċjeta' rikorrenti Genesis Global Ltd (C 65325) li tagħha qed jintalab l-istralċ sabiex b'effett immedjat jagħti lill-amministratur provviżorju aċċess sħiħ u liberu għal kwalsiasi tagħrif u dokumenti fil-pussess tiegħu;*
5. *Tordna li l-amministratur provviżorju għandu jieħu taħt il-kontroll tiegħu l-assi kollha tas-soċjeta' rikorrenti Genesis Global Ltd (C 65325) li tagħha qed jintalab l-istralċ, u għandu jmexxi u jamministra l-istess soċjeta' bl-akbar kawtela u trasparenza sabiex il-qagħda finanzjarja tagħha ma tmurx għall-agħar;*
6. *Tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Jannar 2023 li permezz tiegħu ordnat in-notifika tar-rikors lis-soċjeta' rikorrenti b'ġimgħa għar-risposta.

Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti intavolata fis-26 ta' Jannar 2023 (fol 27) li permezz tagħha ddikjarat li m'għandhiex provi xi tressaq.

Rat ir-risposta tas-soċjeta' rikorrenti Genesis Holdings Ltd intavolata fis-27 ta' Jannar 2003 li permezz tagħha opponiet għat-talbiet tal-Avukat Michael Psaila noe stante li dawn il-proċeduri qedgħin isiru ai termini tal-artikolu 214(1)(a) tal-Kap 386 u ċioe` ordni ta' xoljiment abbażi ta' riżoluzzjoni straordinarja, fejn il-Qorti m'għandix diskrezzjoni dwar tordnax l-istralċ jew le.

Rat ir-Rikors tas-soċjeta' **United Finance plc** intavolat fit-2 ta' Frar 2023 li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti:

> *"...tordna lil Genesis Global jew, jekk ikun il-każ, lil kwalunkwe likwidatur appuntat għaliha minn din l-istess Onor. Qorti, sabiex b'mod immedjat jivvaka u/jew ineħħi l-oġġetti elenkati li għad jinsabu ġewwa l-Fond (f'GB Building, Watar Street, Ta' Xbiex), u dan salv għal kwalunkwe provvediment ieħor li din l-Onor Qorti jidhrilha xieraq u opportun, inkluż li l-United ċċaqlaq hi u tqiegħed l-oġġetti in kwistjoni fil-basement tagħha fil-binja tal-fond u dan dejjem a spejjeż ta' Genesis Global, u dan bl-għan illi ma tkomplix tiġi ippreġudikata l-kirja li preżentement qed tistenna biss li tiġi ffirmata bejn United u soċjeta' terza."*

Rat ir-**Rikors** tas-soċjeta' rikorrenti **Genesis Global Ltd** intavolat fid-9 ta' Frar 2023 li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti:

i. *Tordna abbażi tal-Artikolu 220 tal-Kap 386 il-waqfien ta' kull proċedura mibdija kontra r-rikorrenti Genesis Global Ltd u li hija pendenti quddiem il-Qrati Superjuri ta' Malta, sakemm ikun hemm deċiżjoni f'dawn il-proċeduri rigward it-talba għal ordni ta' xoljiment u stralċ, inkluż pero mhux limitat għas-sospenzjoni tas-smiegħ tal-kawżi segwenti:*
   b. *Rik Nru 1168/2022 AJD fl-ismijiet Fonicom Infrastructure Limited vs Genesis Global Ltd, li fil-fatt hija kawża giljottina fejn qed tiġi mitluba deċiżjoni bid-dispens tas-smigħ, u*
   c. *Rik Nru 983/2022 JM fl-ismijiet SGE Property Company Limited vs Genesis Global Limited; u*

ii. *Tagħti dawk l-ordnijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa u ġusti fiċ-ċirkostanzi.*

Rat in-nota ta' **Dirk Urpani et** intavolata fit-22 ta' Frar 2023 li permezz tagħha li permezz tagħha iddikjaraw l-interess tagħhom li jipparteċipaw fl-istralċ tas-soċjeta' rikorrenti stante li huma kredituri tal-istess ai termini tal-artikolu 218(6) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2023, dehret Dr Luisa Cassar Pullicino għas-soċjeta` rikorrenti Genesis Holdings Ltd u deher Dr Jonathan Abela Fiorentino għan-nom tal-Avukat Michael Psaila noe.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2023, b'referenza għan-nota tal-Avukat Michael Psaila noe tad-9 ta' Jannar 2023, il-Qorti awtorizzat lill-Avukat Michael Psaila noe jressaq is-sottomissjonijiet tiegħu.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2023, b'referenza għar-rikors ta' United Finance plc tat-2 ta' Frar 2023, is-soċjeta' rikorrenti insistiet li dawn il-proċeduri jmorru għall-provvediment mingħajr dewmien u għalhekk it-talba ta' United Finance plc għandha tiġi trattata mill-istralċjarju hekk maħtur. Rat għalhekk li l-Qorti astjeniet milli tagħti provvediment dwar dan ir-rikors f'dan l-istadju iżda rrizervat li tagħti provvediment fi stadju ulterjuri.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2023, b'referenza għan-nota ta' Dirk Urpani et tat-22 ta' Frar 2023, il-Qorti awtorizzat lil Dirk Urpani et li jressqu s-sottomissjoniet tagħhom.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2023 b'referenza għar-rikors tas-soċjeta' rikorrenti tad-9 ta' Frar 2023 ordnat is-sospensjoni tas-smigħ tal-kawżi bin-numru 1168/2022AJD u 983/2022JM u ordnat il-komunika ta' dan id-digriet lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jippreżenta kopja tal-istess fl-atti ta' kull waħda mill-kawżi msemmija.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2023 il-partijiet għamlu referenza għar-rikors ta' Dr Michael Psaila noe ta' l-20 ta' Jannar 2023, iżda l-Qorti tirriżerva li tipprovdi

dwar dan ir-rikors fil-provvediment finali tagħha u għalhekk ħalliet ir-rikors għall-provvediment finali għall-udjenza ta' llum.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluz mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mis-soċjeta rikorrenti ai termini tal-Artikoli **214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi s-soċjeta rikorrenti tgħid li ġiet kostitwita bħala kumpanija ta' responsabilita limitata fis-26 ta' Mejju 2014 bin-numru uffiċjali C 65325.

Tgħid li kif inhu evidenti mit-*Trade Payables* u l-*Assets u Liabilities* tas-soċjeta rikorrenti għandha diversi kredituri u bħalissa l-passiv jeċċedi l-attiv tal-kumpanija.

Tgħid illi għalhekk ġie deċiż kemm mill-membri kif ukoll mid-diretturi tal-kumpanija li l-istess kumpanija għandha tiġi xolta u konsegwentament stralċjata.

Tgħid li b'riżoluzzjoni li saret skont il-liġi, ġie deċiż illi l-kumpanija għandha tiġi xolta u tkun stalċjata permezz tal-Qorti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Illi **s-soċjeta rikorrenti** ppreżentat Risoluzzjoni Straordinarja tal-14 ta' Diċembru 2022 fejn ġie riżolt li l-kumpanija għandha tiġi stralċjata mill-Qorti u kwalunkwe direttur u/jew is-segretarju tal-kumpanija jista jagħmel rikors lill-Qorti għan-nom tal-kumpanija għax-xoljiment u l-istralċ tal-istess kumpanija ai termini tal-artikoli 214(1)(a) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-**Art. 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta** Id-disposizzjoni tal-KAP 386 li abbazi taghha hija msejjsa din il-procedura huwa l-artiklu 214(1)(a), jipprovdi hekk:

> *Kumpanija xxolji u konsegwentement tiġi stralċjata fil-każijiet li ġejjin –*
>
> *(a) il-kumpanija tirriżolvi b'riżoluzzjoni straordinarja li l-kumpanija għandha xxolji u tkun stralċjata mill-qorti*

L-**Art. 218(1) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta** jgħid espressament hekk:

> *Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal*
>
> *(a) stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*

*(b) xoljiment u stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*

*(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpanija skont l-artikolu 214(2)(b),*

*għandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpanija wara deċiżjoni tallaqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji:*

*Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista' wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpanija.*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi r-riżoluzzjoni straordinarja meħuda fl-14 ta' Diċembru 2022, DOK GGL1, tagħmel referenza ampja u ċara għad-diffikultjiet li l-kumpannija de quo għandha biex tkompli topera, u tispjega b'mod ċar u inekwivoku l-motivazzjoni li wasslet lil kumpannija għal dik ir-rizoluzzjoni, u ċioe li l-*liabilities* tal-kumpanija jeċċedu l-*assets* tagħha.

Wara li fliet id-dokumenti esebiti u r-rekwiżiti legali kollha, din il-Qorti hija tal-fehma illi r-riżoluzzjoni straordinarja saret għal ragunijiet leġittimi fiċ-ċirkostanzi partikolari li tinsab fihom il-kumpannija.

Oltre` minn hekk, la darba r-riżoluzzjoni hija valida, u din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għala tiddubitha, din il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni li tirrifjuta li takkorda t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti għall-provvediment ta' stralċ

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati, jidhrilha illi ġew sodisfatti il-voti tal-liġi sabiex tkun tista` tgħaddi biex takkolja it-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u cirkostanzi li jirrizultaha l-Qorti, din il-Qorti qeghda:

1. **Tordna** illi s-socjeta` **Genesis Global Ltd (C 65325)** tiġi xjolta b'effett immedjat u konsegwentament stralċjata a bażi tal-artikoli 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **Konsegwentament, tinnomina u taħtar stralċjarju** tas-soċjeta' **Genesis Global Ltd (C 65325)** lir-**Ricevitur Ufficjali** u tagħti lill-istralċjarju s-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, fosthom illi:

   a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija de quo, ai termini tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jagħmel rapport lill-Qorti ai termini tal-artiklu 227 tal-istess KAP 386,

   b) Jagħmel il-verifiki kollha necessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija de quo u jekk ikun il-każ, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

c) Jieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tiegħu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpannija **Genesis Global Ltd (C 65325)** jista' għandha, u dan ai termini tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Jagħmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpannija de quo.

e) Jirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpannija jista' għandha.

f) In linea ukoll mal-paragrafu (c), jara illi b'mod immedjat jikkoordina ma' United Finance plc sabiex tinstab soluzzjoni minghajr dewmien u pregudizzju inutili ghal dak mitlub fir-rikors in atti ta' United Finance plc tat-2 ta' Frar 2023.

**3. Tordna** lill-istralċjarju sabiex jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu sa qabel l-udjenza li jmiss.

**4. Tastjeni** milli tipprovi ulterjorment dwar ir-rikors ta' United Finance plc tat-2 ta' Frar 2023 u **tastjeni** milli tipprovdi dwar ir-rikors ta' Genesis Fiduciary Pty Ltd tal-20 ta' Jannar 2023 in vista ta' dak hawnekk deciz.

**5. Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jithallsu mis-soċjeta rikorrenti.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lir-Riċevitur Uffiċjali u lir-Reġistratur tal-Kumpanniji.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**